

32007R0446

L 106/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.4.2007

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 446/2007**tat-23 ta' April 2007**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2273/2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 rigward l-istħarriġ tal-prezzijiet ta' ċerti annimali bovini fis-swieq rappreżentattivi tal-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella¹, u partikolarment l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi,

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2273/2002² jistabbilixxi dispożizzjonijiet rigward ir-reġistrazzjoni tal-prezzijiet tas-swieq rappreżentattivi ta' l-Istati Membri għal diversi kategoriji ta' l-annimali bovini. Ir-regoli dettaljati dwar l-informazzjoni li għandha tingħata għall-istħarriġ tal-prezzijiet ta' kull wieħed minn dawn il-kategoriji huma pprovduti fl-Annessi ta' dak ir-Regolament.
- (2) Fuq it-talba ta' l-Irlanda, l-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 2273/2002 għandhom jiġu parzjalment riveduti fid-dawl ta' kif żviluppa t-tqegħid fis-suq tal-merħliet f'dak l-Istat Membru, b'hekk ikun żgurat li l-istħarriġ tal-prezzijiet ikompli jkun ibbażat fuq is-swieq rappreżentattivi.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2273/2002 għandu għalhekk ikun emendat.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Laħam taċ-Ċanga u tal-Vitella,

¹ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

² ĠU L 347, 20.12.2002, p. 15. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2172/2003 (ĠU L 326, 13.12.2003, p. 8).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2273/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Anness I, Parti E, il-punt 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“1. Is-swieq rappreżentattivi

Talanqas żewġ swieq”

(2) Fl-Anness II, Parti D, il-punt 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“1. Is-swieq rappreżentattivi

Talanqas żewġ swieq”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni